MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 439/1994/1

Kawza fil-lista: 23

**Pawlu Zammit**
**Vs**
**George Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur ghamel xoghol ta' appalt konsistenti f'qtugh ta' blat lill-konvenut.

Peress illi l-konvenut baqa' ma hallasx tal-appalt imsemmi u dan nonostante li kien interpellat.

Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur dwar l-appalt hawn fuq imsemmi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas s-somma likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, in-nullita' u l-irritwalita' tal-kawza kif promossa mill-attur stante li l-attur innifsu jaf di acientia proprix l-ammont li qed jippretendi minghand l-eccipjent.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont talvolta dovut lill-attur huwa ta' mitejn u erbghatax-il lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM214.25,0), in vista ukoll tal-kontro talba promossa mill-eccipjent.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonat li permezz taghha ppremetta u talab hekk:

Peress illi fuq inkarigu ta' Pawlu Zammit, il-konvenut ghamel xoghol ta' book-keeping u preparazzjoni u mili ta' tenders fl-interess tal-istess Pawlu Zammit.

Peress illi ghalkemm interpellat biex ihallas is-somma dovuta ta' tlett mija u hamsin lira maltija (LM350), l-attur inkonvenzjonat baqa' inadempjenti.

Ighid ghalhekk l-attur inkonvenzjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. tikkundanna lill-attur Pawlu Zammit ihallas lill-konvenut is-somma ta' tlett mija u hamsin lira maltija (LM350) dovuti ghal xoghol ta' book-keeping u preparazzjoni u mili ta' 'tenders' fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjes u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-attur inkonvenzjonat millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet konvenuti huma infundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-istess attur ma ghandu jaghti xejn u l-konvenut jinsab imhallas a saldu.

Illi in effetti l-istess konvenut kien thallas kull darba li jattendi ghandu l-attur u meta dana irrifjuta flus, kien ihallsu in kind.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukatessa Dottoressa Claire Stafrace minnha debitament mahlufa fl-udjenza tat-23 ta’ Frar 2005;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni attrici hija fis-sens li l-attur fuq inkariku tal-konvenut kien ghamel xoghol ta’ twaqqiegh ta’ bini u xoghol ta’ skavar, rizultat ta’ zewg appalti verbalment konvenuti bejn il-partijiet. Il-konvenut minn naha tieghu qed jopponi ghal din il-pretensjoni bl-argument li l-ammont dovut minnu lill-attur huwa ta’ Lm214.25 “in vista wkoll tal-kontro talba promossa minnu”.

Permezz tal-kontro talba tieghu l-konvenut qed jippretendi minghand l-attur is-somma ta’ Lm350 dovuta “ghal xoghol ta’ book keeping u preparazzjoni u mili ta’ tenders” maghmul minnu fuq inkariku ta’ l-attur.

Illi f’ dan l-istadju l-Qorti tirrileva li hija tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-Perit Legali u taddotta r-rapport taghha fl-intier tieghu.

Rigward l-appalt tat-twaqqiegh ta’ bini, il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-attur kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu rigward l-ammont dovut u mhallas. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-ammont dovut ta’ Lm350[1] kien gie debitament imhallas mill-konvenut lill-attur. Dan jirrizulta kemm minn dak li qal l-istess attur fix-xhieda tieghu[2], kif ukoll mir-ricevuti esebiti li ma gewx validament kontrastati.[3] Ghaldaqstant rigward dan l-appalt il-konvenut ma ghad fadallu jaghti xejn lill-attur.

Rigward l-appalt l-iehor tal-iskavar u invellar, il-Qorti tosserva li minn ezami tal-provi jirrizulta li l-versjoni moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili mit-tesi tal-attur, u l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur f’ dan ir-rigward huwa ta’ Lm564.25.[4] Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata limitatament ghal dan l-ammont.

Illi rigward il-kontro talba tal-konvenut ghal hlas da parti ta’ l-attur tas-somma ta’ Lm350 ghal-xoghol ta’ book keeping u xoghol relattiv ma’ tenders u mili ta’ formuli tat-taxxa, il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjoni tal-perit legali li mhux verosimili li dan ix-xoghol kien qed isir lilu mill-konvenut gratis kif donnu qed jippretendi l-attur; u dana wkoll in omagg ghall-principju “omnia labor optat premium” sakemm ma jigix provat il-kuntrarju. F’ dan il-kaz ma rrizultat ebda prova li tista’ twassal ghall-konkluzjoni li kien hemm ftehim, anke tacitu, li dan ix-xoghol kien qed isir b’ xejn mill-konvenut. Inoltre, jigi osservat li l-quantum, ut sic pretiz mill-konvenut ma giex kontestat mill-attur. Dan konsiderat u tenut kont ukoll tal-provi f’ dan ir-rigward din il-pretensjoni tal-konvenut hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha. B’ hekk l-attur ghandu jghati lill-konvenut is-somma ta’ Lm350.

In vista tal-premess, stante li l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm564.25, filwaqt li l-istess attur ghandu jaghti lill-istess konvenut is-somma ta’ Lm350, ir-rizultat finali b’ operazzjoni ta’ tpacija huwa li l-

[1] Vide kont tal-Perit R.Muscat Azzopardi – Dok.GG3 – fol.110
[2] Fol.93
[3] Doks.GG1 u GG2 – fols.108 u 109
[4] Vide Dok.GG3 – ibid.

ammont finali dovut mill-konvenut lill-attur huwa fl-ammont ta’ Lm214.25.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talbiet tal-attur billi tilqa’ l-istess u tillikwida l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta’ hames mija erba u sittin lira maltin u hamsa u ghoxrin centezmu [Lm564.25] u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm564.25 flimkien mal-imghax mid-data tas-sentenza; bl-ispejjez a kariku tal-konvenut; tiddecidi dwar il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonat billi tilqa’ l-istess u tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut is-somma ta’ tlett mija u hamsin lira maltin [Lm350] bl-imghax legali mid-data tal-31 ta’ Mejju 1994; bl-ispejjez a kariku tal-attur.

L-ispejjez tar-relazzjoni legali jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali, stante li dan l-esercizzju serva ta’ beneficcju ghaz-zewg nahat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------